# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 23 ta' Awissu 2001**

**Citaz. numru: 2661/97 M3 NA**

**Alexandra Farrugia**

**vs**

**Carmel Farrugia**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat bl-ennezimu rikors tal-partijiet, din id-darba tal-konvenut tal-10 ta' Marzu 2000 fit-tilwima sfrenata taghhom fejn it-tfal jintuzaw bhala l-aktar strument fatali biex parti tippika ma' l-ohra. It-talba fir-rikors hija biex il-Qorti tordna lill-attrici sabiex fi zmien qasir li jigi ffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti tirritorna lill-esponenti l-hwejjeg u affarijiet tat-tfal li ghandha fil-pussess taghha.

Ir-risposta ghal dan ir-rikors saret fis-6 ta' Gunju 2000 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-attrici titlob lill-Qorti tichad it-

talbiet tal-konvenuta. Jinghad illi, apparti milli hija tikkontesta fattwalment l-allegazzjonijiet tal-konvenut, issostni wkoll li din it-talba mhijiex proponibbli permezz ta' rikors f'kawza bhal dik odjerna li tirrigwarda biss il-kustodja w access ghal-minuri.

Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghat-13 ta' Novembru 2000 fejn il-partijiet ma kienux notifikati u wara li taw ruhhom b'notifikati differit ghat-22 ta' Dicembru 2000. Ir-rikors gie differit diversi drabi ohra jew ghax kien hemm il-possibbilita' li jsir ftehim bonarju (ara l-verbal tat-22 ta' Dicembru 2000) jew biex il-konvenut ighaddi lill-attrici lista dettaljata ta' l-oggetti li dwarhom kien qed jilmenta (verbali 6 ta' Marzu u 4 ta' April 2001) "*u dana bl-intendiment illi ma jkunx necessarju li tinstema' xhieda f'dan ir-rikors*", sakemm fis-seduta tad-9 ta' April 2001 il-Qorti giet infurmata illi din il-lista giet mghoddija pero' li l-attrici kienet qed tikkontesta diversi minn dawn l-oggetti. Fis-seduta invece tat-12 ta' Lulju 2001 il-konvenut esebixxa lista ta' l-oggetti illi kien qed jippretendi, ir-rikors gie ttrattat u differit ghal digriet kamerali, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi t-trattazzjoni li saret u li giet verbalizzata (u dan minkejja l-izbalji numeruzi fl-istess verbal li jaghmluh kwazi insegwibbili) kienet immirata principalment jekk mhux unikament lejn punti legali aktar milli dawk fattwali. Effettivament ma ngabux provi f'dan ir-rikors li permezz taghhom il-konvenut kellu jindika dawk l-oggetti li kienet qed izzomm l-attrici (u dan apparti mil-lista li giet esebita), l-ghala l-konvenut kellu bzonn dawn l-oggetti ghat-tfal u x'kien l-istat prezenti ta' dawn l-oggetti jekk effettivament kienu ghadhom jezistu.

Il-konvenut jaccetta illi dawn l-oggetti prattikament kienu gew assenjati lill-attrici fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li kien sar bejn il-partijiet f'liema kuntratt pero' l-attrici kienet inghatat il-kura u kustodja tal-minuri, kura u kustodja li issa kienet vestita f'idejh u li ghalhekk kellu bzonn l-oggetti in kwistjoni.

Il-Qorti sejra tiehu spunt minn hawn biex taghmel l-ewwel osservazzjoni taghha. Ezami tal-lista esebita mill-konvenut turi illi diversi mill-oggetti ma ghandhom x'jaqsmu xejn mat-tfal. Galadarba dawna gew assenjati lill-attrici fil-kuntratt fuq imsemmi din il-Qorti ma ghandha ebda dritt tissostitwixxi l-kunsens taghha ghal dak tal-partijiet, salv id-dritt tal-konvenut

li jkompli bil-kawza minnu proposta ghar-rexissjoni ta' dan il-kuntratt.

Ikkunsidrat:-

Dan apparti pero' din il-Qorti kellha gia' f'diversi digrieti minnha moghtija l-opportunita' li tezamina talbiet simili bhal dik odjerna. Il-konkluzzjoni taghha kienet illi fis-sistema procedurali taghna l-mod kif il-litigi jigu proposti quddiem il-Qorti Superjuri huwa permezz ta' citazzjoni u li, hlief ghall-materji purament ta' natura procedurali, l-meritu tal-kawza kellu jigi deciz fis-sentenza finali. B'mod eccezzjonali f'kawzi ta' firda personali (u jinghad ukoll li din il-kawza fejn gie propost dan ir-rikors mhijiex kawza ta' firda personali) il-legislatur ipprovda illi fiz-zmien li tkun ghadha miexja l-kawza l-Qorti setghet tiehu certu mizuri kif ikkontemplat fl-Artikoli 46, 46A u 47 tal-Kodici Civili. Dawn l-Artikoli jittrattaw il-kwistjonijiet tad-dar matrimonjali, ta' l-alimenti u tal-kura u kustodja tat-tfal minuri *pendente lite*. Fil-waqt illi dawn il-provvedimenti huma prudenti u necessarji, imorru kontra dak li huwa proceduralment sancit fis-sistema legali taghna u li, allura, m'ghandhomx ikunu nterpretati oltre dak li huwa kkontemplat u precizat. Minkejja illi din il-Qorti wkoll ghandha

poteri enormi fejn jidhrilha illi provvediment ikun fl-interess suprem tal-minuri ma jidhriliex illi ghandha twassal dawn il-poteri biex tissancixxi dak mitlub mill-konvenut fir-rikors odjern li, ghar-ragunijiet fuq moghtija u fil-forma kif gie propost, qed jigi michud bl-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.